

Brussell, 25 ta' April 2023
(OR. en)

Fajl Interistituzzjonali:
2023/0105(COD)

8624/23
ADD 1

FOOD 30
DENLEG 22
CODEC 670
AGRILEG 74
SAN 203

NOTA TA' TRAŻMISSJONI

minn:	Is-Segretarju Ġenerali tal-Kummissjoni Ewropea, iffirmata mis-Sa Martine DEPREZ, Direttur
data meta waslet:	21 ta' April 2023
lil:	Is-Sa Thérèse BLANCHET, Segretarju Ġenerali tal-Kunsill tal-Unjoni Ewropea
Nru dok. Cion:	COM(2023) 201 final
Suġġett:	ANNESSI tad-DIRETTIVA TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL li temenda d-Direttivi tal-Kunsill 2001/110/KE li tirrigwarda l-għasel, 2001/112/KE li tirrigwarda l-meraq tal-frott u ċerti prodotti simili maħsuba għall-konsum uman, 2001/113/KE li għandha x'taqsam mal-ġamm tal-frott, il-ġelatini u l-marmellati u mal-purejiet tal-qastan mogħtija l-ħlewwa maħsuba għal konsum mill-bniedem, u 2001/114/KE rigward ċertu ħalib ippreżervat disidratat in parti jew kollu għall-konsum tal-bniedem

Id-delegazzjonijiet isibu meħmuż id-dokument COM(2023) 201 final.

Mehmuż: COM(2023) 201 final



IL-KUMMISSJONI
EWROPEA

Brussell, 21.4.2023
COM(2023) 201 final

ANNEXES 1 to 2

ANNESI

tad-

DIRETTIVA TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL

li temenda d-Direttivi tal-Kunsill 2001/110/KE li ttrigwarda l-għasel, 2001/112/KE li ttrigwarda l-meraq tal-frott u ċerti prodotti simili maħsuba għall-konsum uman, 2001/113/KE li għandha x'taqsam mal-ġamm tal-frott, il-ġelatini u l-marmellati u mal-purejiet tal-qastan mogħtija l-ħlewwa maħsuba għal konsum mill-bniedem, u 2001/114/KE rigward ċertu ħalib ippreżervat disidratat in parti jew kollu għall-konsum tal-bniedem

{SEC(2023) 162 final} - {SWD(2023) 97 final} - {SWD(2023) 98 final}

ANNEX I

L-Annessi I u III tad-Direttiva 2001/112/KE huma emendati kif ġej:

(1) L-Anness I huwa emendat kif ġej:

(a) fil-Parti I, jiżdied il-punt 6 kif ġej:

“6. (a) Meraq tal-frott biz-zokkor imnaqqas

Il-prodott miksub mill-prodott definit fil-punt 1(a) fejn mill-inqas 30 % taz-zokkor naturali jkun tneħħa bl-użu ta’ proċess awtorizzat skont il-kundizzjonijiet stabbiliti fil-Parti II, il-punt 3, tal-Anness I, li jżomm il-karatteristiċi essenzjali fiżiċi, kimiċi, organolettiċi u nutrittivi l-oħra kollha ta’ tip medju ta’ meraq tal-frott li jiġi minnu.

It-taħlit tal-meraq tal-frott biz-zokkor imnaqqas mal-meraq tal-frott u/jew mal-purejiet tal-frott huwa awtorizzat fil-produzzjoni ta’ meraq tal-frott biz-zokkor imnaqqas.

(b) Meraq tal-frott biz-zokkor imnaqqas minn konċentrat

Il-prodotti li jinkisbu mill-prodott definit fil-punt 1(b) jew il-punt 2 fejn mill-inqas 30 % taz-zokkor naturali jkun tneħħa bl-użu ta’ proċess awtorizzat skont il-kundizzjonijiet stabbiliti fil-punt 3 tal-Parti II tal-Anness I, li jżomm il-karatteristiċi essenzjali fiżiċi, kimiċi, organolettiċi u nutrittivi l-oħra kollha ta’ tip medju ta’ meraq tal-frott li jkun ġej minnu, u li jkunu ġew rikostitwiti b’ ilma tax-xorb li jissodisfa l-kriterji stabbiliti fid-Direttiva 98/83/KE.

It-taħlit ta’ meraq tal-frott biz-zokkor imnaqqas minn konċentrat ma’ meraq tal-frott, meraq tal-frott minn konċentrat, purejiet tal-frott u/jew purejiet tal-frott minn konċentrat huwa awtorizzat fil-produzzjoni ta’ meraq tal-frott biz-zokkor imnaqqas minn konċentrat.”;

(b) il-Parti II hija emendata kif ġej:

(i) il-punt 2 huwa emendat kif ġej:

- it-tielet inċiż huwa sostitwit b’dan li ġej:

“— Għall-meraq tal-frott, meraq tal-frott minn konċentrat, meraq tal-frott ikkonċentrat, meraq tal-frott biz-zokkor imnaqqas u meraq tal-frott biz-zokkor imnaqqas minn konċentrat: toġhma, polpa u ċelloli rikostitwiti;”;

- il-ħames inċiż huwa sostitwit b’dan li ġej:

“— Għal nektars tal-frott: toġhma, polpa u ċelloli rikostitwiti; zokkor u/jew għasel sa 20 % tal-piż totali tal-prodotti lesti msemmija fil-Parti I tal-Anness IV, 15 % tal-piż totali tal-prodotti lesti msemmija fil-Parti II tal-Anness IV u 10 % tal-piż totali tal-prodotti lesti msemmija fil-Parti III tal-Anness IV; u/jew sustanzi li jagħtu l-ħlewwa;

Indikazzjoni li ma ġie miżjud l-ebda zokkor fil-meraq tal-frott, u kwalunkwe indikazzjoni li x’aktarx tkun tffisser l-istess għall-konsumatur, tista’ ssir biss fejn il-prodott ma jkun fih l-ebda monosakkaridi jew disakkaridi miżjuda jew kwalunkwe ikel ieħor użat għall-karatteristiċi ta’ ħlewwa tiegħu, inkluż is-sustanzi li jagħtu l-ħlewwa kif definit fir-Regolament (KE) Nru 1333/2008. Jekk iz-zokkor hu preżenti b’mod naturali fin-nektar tal-frott, jenħtieġ li fuq it-tikketta tidher ukoll l-istqarrija li ġejja: “fih zokkor naturali”;

is-seba' inċiż huwa sostitwit b'dan li ġej:

“— Għall-prodotti ddefiniti fil-punti 1 sa 6 tal-Parti I, sabiex tiġi rregolata t-togħma aċiduża: meraq tal-lumi u/jew tal-lajm u/jew meraq ikkonċentrat tal-lumi u/jew tal-lajm, sa 3 g għal kull litru ta' meraq, espress bħala aċidu ċitriku anidru;”;

- jiżdied l-inċiż li ġej:

“— Għall-meraq tal-frott biz-zokkor imnaqqas: ilma mhux iżjed minn kemm ikun hemm strettament bżonn għar-restawr tal-ilma li ntilef minħabba l-proċess tat-tnaqqis taz-zokkor.”;

(ii) il-punt 3 huwa emendat kif ġej:

- it-tleTTax l-inċiż huwa sostitwit b'dan li ġej:

“— Proteini tal-pjanti mill-qamħ, il-piżelli, il-patata jew iż-żerriegħa tal-ġirasol għall-kjarifikazzjoni.”;

- jiżdied l-inċiż li ġej:

“— Proċessi għat-tneħħija taz-zokkor naturali, sal-punt li jżommu l-karatteristiċi fiżiċi, kimiċi, organolettiċi u nutrittivi essenzjali l-oħra kollha ta' tip medju ta' meraq tal-frott li ġej minnu: filtrazzjoni b'membrana, fermentazzjoni tal-ħmira.”;

(2) L-Anness III huwa sostitwit b'dan li ġej:

“ANNEX III

DENOMINAZZJONIJIET PARTIKOLARI GĦAL ĊERTI PRODOTTI ELENKATI FL-ANNEX I

I. Denominazzjonijiet partikolari li jistgħu jintużaw biss fil-lingwa tad-denominazzjoni

(a) “vruchtendrank”, għal nektars tal-frott;

(b) “Süßmost”;

Id-denominazzjoni “Süßmost” tista' tintuża biss flimkien mal-ismijiet tal-prodotti “Fruchtsaft” jew “Fruchtnektar”:

(i) għal nektar tal-frott miksub esklussivament minn meraq tal-frott, minn meraq tal-frott ikkonċentrat jew minn taħlita ta' dawk il-prodotti, li ma għandux togħma tajba fl-istat naturali minħabba l-livell għoli ta' aċidità tiegħu;

(ii) għal meraq tal-frott miksub mit-tuffieħ jew mil-lanġas, biż-żieda ta' tuffieħ fejn ikun xieraq, iżda mingħajr zokkor miżjud;

(c) “succo e polpa” jew “sumo e polpa”, għal nektars tal-frott miksuba esklussivament minn purejiet tal-frott u/jew minn purejiet tal-frott ikkonċentrat;

(d) “æblemest”, għal meraq tat-tuffieħ mingħajr zokkor miżjud;

(e) (i) “sur ... saft”, flimkien mal-isem (bid-Daniż) tal-frott użat, għal meraq mingħajr zokkor miżjud miksub minn ribes/passolina sewda, ċirasa, passolina ħamra, passolina bajda, lampun, frawli jew frott tas-sebuqa,

(ii) “sød ... saft” jew “sødet ... sød ... saft” jew “sødet ... saft” flimkien mal-isem (bid-Daniż) tal-frott użat, għal meraq miksub minn dan il-frott, b’aktar minn 200 g zokkor miżjud ma’ kull litru;

(f) “äppelmust/äpplemust”, għal meraq tat-tuffieħ mingħajr zokkor miżjud;

(g) “mosto”, sinonimu għal meraq tal-għeneb;

(h) “smiltsērķšķu sula ar cukuru” jew “astelpaju mahl suhkruga” jew “słodzony sok z rokitnika” għall-meraq miksub mill-il-frott tal-pjanta *Rhamus Lyciodes* tal-baħar b’mhux aktar minn 140 g ta’ zokkor miżjud għal kull litru.

II. Denominazzjonijiet partikolari li jistgħu jintużaw fil-lingwa/i uffiċjali tal-Istat Membru fejn il-prodott jitqiegħed fis-suq

(a) “ilma tal-ġewż tal-Indi”, għall-prodott li jiġi estratt direttament mill-ġewż tal-Indi mingħajr ma jiġi espress il-laħam tal-ġewż tal-Indi, bħala sinonimu tal-meraq tal-ġewż tal-Indi.”.

ANNEX II

L-Anness I tad-Direttiva 2001/113/KE huwa emendat kif ġej:

(1) il-Parti I hija emendata kif ġej:

(a) l-ewwel u t-tieni inċiżi huma sostitwiti b'dan li ġej:

“— Ġamm” huwa taħlita, miġjuba għal konsistenza addattata tal-ġelatina, ta' tipi ta' zokkor, il-polpa u/jew il-purejiet ta' wieħed jew aktar tipi ta' frott u ilma. Madankollu, il-ġamm tal-frott taċ-ċitru tista' tinkiseb mill-frott sħiħ, maqtuġh fi flieli u/jew imfettet.

Madankollu, sabiex jitqiesu l-prattiki tas-soċjetà, l-Istati Membri jistgħu jawtorizzaw li t-terminu “marmellata” jintuża għall-prodott imsejjaħ “ġamm”.

Il-kwantità ta' polpa u/jew purejiet użata għall-manifattura ta' 1 000 g ta' prodott lest ma għandhiex tkun inqas minn:

— 450 g bħala regola ġenerali,

— 350 g għal passolina ħamra, it-tut tas-siġar rowan, il-frott tal-pjanta *Rhamus Lyciodes* tal-baħar, il-passolina sewda, il-frott tas-*Solanum nigrum* u l-isfarġel,

— 250 g għall-ġinġer,

— 230 g għat-tuffieħ tal-*cashew*,

— 80 g għall-*passion fruit*.

— “Ġamm *extra* tal-frott” huwa taħlita, miġjuba għal konsistenza addattata tal-ġelatina, ta' tipi taz-zokkor, il-polpa mhux ikkonċentrata ta' wieħed jew aktar tipi ta' frott u ilma. Madankollu, il-ġamm *extra* tal-frott tas-siġra Solana nigrum u l-ġamm *extra* tal-lampun mingħajr iż-żerriegħa, tat-tut, tal-passolina sewda, il-frott tal-*Vaccinium myrtyllum* u l-passolina ħamra jistgħu jinkisbu fl-intier tagħhom jew f'parti minnhom mill-purejiet mhux ikkonċentrat tal-frott rispettiv. Il-ġamm *extra* tal-frott taċ-ċitru tista' tinkiseb mill-frott sħiħ, maqtuġh fi flieli u/jew imfettet.

Madankollu, sabiex jitqiesu l-prattiki tas-soċjetà tagħhom, l-Istati Membri jistgħu jawtorizzaw li t-terminu “marmellata *extra*” jintuża għall-prodott imsejjaħ “ġamm *extra*”.

Il-frott li ġej ma jistax jiġi użat imħallat ma' frott ieħor fil-fabbrikazzjoni tal-ġamm *extra* tal-frott: it-tuffieħ ta' belludja, il-lanġas, l-għanbaqar tal-għadma mwaħħla, id-dullieġh, il-għeneb, il-qargħa aħmar, il-ħjar u t-tadam.

Il-kwantità ta' polpa użata għall-manifattura ta' 1 000 g tal-prodott imlesti ma tistax tkun inqas minn:

— 550 g bħala regola ġenerali,

— 450 g għall-passolina ħamra, it-tut tas-siġra rowan, il-frott tal-pjanta *Rhamus Licyodes* tal-baħar, il-passolina sewda, il-frott tas-*Solanum nigrum* u l-isfarġel,

— 350 g għall-ġinġer,

— 290 g għat-tuffieħ tal-*cashew*,

— 100 g għall-*passion fruit*.”;

(b) il-ħames u s-sitt inċiżi huma sostitwiti b'dan li ġej:

— Il-“marmellata taċ-ċitru” hija taħlita, miġjuba għal konsistenza ġġelatinata kif approprjat, ta' tipi ta' zokkor u wieħed jew aktar mill-prodotti li ġejjin miksuba mill-frott taċ-ċitru: il-polpa, il-purejiet, il-meraq, l-estratti ilmija u l-qoxra.

Il-kwantità tal-frott taċ-ċitru wżata fit-tnejn ta' 1 000 g tal-prodott imlesti ma tistax tkun anqas minn 200 g li minnhom mill-anqas 75 g iridu jinkisbu mill-endokarpu.

— L-isem “marmellata tal-ġelatina” jista' jintuża meta l-prodott definiti bħala marmellata taċ-ċitru ma jkun fih l-ebda materjal li ma jinħallx għajr possibilment għal kwantitajiet żgħir ta' qxur imfettet irqiq.”;

(2) il-Parti II hija sostitwita b'dan li ġej:

“II. Il-prodotti definiti fil-Parti I irid ikollhom kontenut ta' materja niexfa solubbli ta' 60 % jew aktar kif determinat mir-rifrattometru, ħlief għal dawk il-prodotti li jissodisfaw ir-rekwiżiti tar-Regolament (KE) Nru 1924/2006 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill*** fir-rigward taz-zokkor imnaqqas, u dawk il-prodotti li fir-rigward tagħhom iz-zokkor ikun ġie sostitwit kompletament jew parzjalment b'sustanzi li jagħtu l-ħlewwa.

Mingħajr preġudizzju għall-Artikolu 17(1) tar-Regolament (UE) Nru 1169/2011, l-Istati Membri jistgħu, sabiex iqisu ċerti każijiet partikolari, jawtorizzaw l-ismijiet riservati għall-prodotti ddefiniti fil-Parti I li jkollhom kontenut tal-materjal solubbli ta' anqas minn 60 %.

*** Ir-Regolament (KE) Nru 1924/2006 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-20 ta' Diċembru 2006 dwar indikazzjonijiet dwar in-nutrizzjoni u s-saħħa mogħtija fuq l-ikel (ĠU L 404, 30.12.2006, p. 9).”.